MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 255/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mallia)**

**Vs**
Aron Flores

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fid-9 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-4.30 p.m. f'Bormla waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Volkwagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni HAT-045 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Carmel Massa ID no. 788132M u Jesmond Zammit ID no. 495979M it-tnejn minn Bormla**

**skond kif iccertifikaw Dr. Joslin MD u Dr. Fernando Pisani MD rispettivament;**
**2) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura HAT-045 b'giri aktar milli jmissu, b'manjiera perikoluza, bla kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz;**
**3) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni HAT-045, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara fl-istess vettura a skapitu ta' Mario Flores.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 226 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, hlief ghal dik dwar il-hsarat ghad-danni ta' Mario Flores stante li mhux pruvat, w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM1000 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant tad-19 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma is-sentenza kwantu li ma sabitx hati lill-appellant dwar hsarat ghad-dannu ta' Mario Flores, tirriforma s-sentenza billi tilliberah mill-bqija l-ohra tal-akkuzi fejn sabet htija l-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat il-verbal tal-lum stess li bih l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex dan gie intavolat "*fuori termine*" u cioe' oltre t-tmint ijiem tax- xoghol preskritt fl-artikolu 417 (1) tal-Kap.9.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;**

**Ikkunsidrat;**

**Illi s-sentenza appellata iggib id-data tat-8 ta' Novembru, 2004 u dak in-nhar stess l-appellant talab**

**u ottjena is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond ma jidher mill-istess atti (fol. 91 u 92) li ukoll igibu l-istess data tat-8 ta' Novembru, 2004.**

**Jidher pero' mill-prezentata tar-rikors tal-appell (fol. 95) li din effettivament saret biss fid-19 ta' Novembru, 2004 kif del resto jidher ukoll mit-timbru a fol. 93 , cioe' fl-ewwel pagna tar-rikors.**

**Hu minnu li ghal xi raguni li jaf hu r-rikorrent inserixxa fuq nett tal-ewwel faccata tar-rikors tieghu d-data tat-18 ta' Novembru, 2004 , meta dan mhux normali li jsir f' att ta' din ix-xorta , pero' dan ma jbiddel xejn u zgur li mhux ser b' daqshekk jikkontradici d-data tal-prezentata tar-rikors.**

**Inoltre mill-verifika li din il-Qorti ghamlet mal-kotba w records tar-registru tal-Qorti tal-Magistrati fejn saret il-prezentata, gie konfermat li l-prezentata u l-hlas saru proprju fid-19 ta' Novembru, 2004 u cioe' disghat ijiem tax-xoghol wara d-data tas-sentenza, bl-eskluzzjoni tad-"dies a quo" li ovvjament ma tghoddx.**

**Ghalhekk il-pregudizzjali tal-Avukat Generali tidher gustifikata w konsegwentement il-Qorti qed tiddikjara li r-rikors tal-appell gie prezentat "fuori termine" u konsegwentement huwa null . Ghalhekk tastjeni milli tkompoli tiehu konjizzjoni tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------